# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 7/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE tat-28 ta' Ġunju 2006 li temenda l-Annessi fid-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal carbaryl, deltamethrin, endosulfan, fenithrothion, methidathion u oxamyl ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/60/KE tas-7 ta' Lulju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE rigward il-livelli massimi tar-residwi tat-trifloxystrobin, thiabendazole, abamectin, benomyl, carbendazim, thiophanate-methyl, myclobutanyl, glyphosate, trimethylsulfonium, fenpropimorph u chlormequat ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/61/KE tas-7 ta' Lulju 2006 li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-atrazine, azinphos-ethyl, cyfluthrin, ethephon, fenthion, methamidophos, methomyl, paraquat u triazophos ([4]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/62/KE tat-12 ta' Lulju 2006 li temenda l-Annessi fid-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal desmedipham, phenmedipham u chlorfenvinphos ([5]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom ikunu miżjuda f'punti 13 (Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE), 38 (Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE), 39 (Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) u 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

"— **32006 L 0059:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/59/KE tat-28 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 175, 29.6.2006, p. 61),

— **32006 L 0062:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/62/KE tat-12 ta' Lulju 2006 (ĠU L 206, 27.7.2006, p. 27)."

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 17.
([2]) ĠU L 175, 29.6.2006, p. 61.
([3]) ĠU L 206, 27.7.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 206, 27.7.2006, p. 12.
([5]) ĠU L 206, 27.7.2006, p. 27.

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud ma' punti 38 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE), 39 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) u 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

"— **32006 L 0061:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/61/KE tas-7 ta' Lulju 2006 (ĠU L 206, 27.7.2006, p. 12)."

3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

"— **32006 L 0060:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/60/KE tas-7 ta' Lulju 2006 (ĠU L 206, 27.7.2006, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttivi 2006/59/KE, 2006/60/KE, 2006/61/KE u 2006/62/KE fil-lingwi Iżlandiżi u Norveġiżi, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.